**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' April 2017**

Rikors Guramentat Nru. 260 / 15RGM

Kawza fil-lista: 29

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu bir-rit civili f'Villa Sant' Anna, Marsascala, fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015), kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg bin-numru tal-iskrizzjoni 449/2015;

Illi effettivament, il-kontendenti damu jghixu flimkien mhux aktar minn sitt (6) gimghat wara li ccelebraw iz-zwieg taghhom.

Illi l-kunsens tal-intimat kien ukoll vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan skond l-artikolu 19(1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u ragunijiet ohra kontemplati fl-Att Dwar iz-Zwieg, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett legali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega skond il-ligi, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

(i) tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti frd-29 ta' Marzu 2015 kien null u bla effett legali;

(ii) konsegwentement tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

(iii) ghal kull bwon fini, tawtorizza llll-attrici tirriverti lura ghal kunjom xbubita u cioe' "Debono".

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi huwa ma jopponix ghat-talba attrici ghad-dikjarazzjoni ta' annullament ta' zwieg bejniethom kkuntrattat fid-29 ta' Marzu 2015 u ghat-talbiet sussegwenti b'dana pero' illi tali dikjarazzjoni din il-Qorti ghandha tasal ghaliha wara li tiddeciedi illi effettivament kienet l-attrici illi kellha l-kunsens taghha vvizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, u tad-dritt tal-att taz-zwieg u dan skont l-artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-esponent ma ghandux jehel l-ispejjez ta' din il-kawza.

Salv risposta ulterjuri.

Rat l-affidavit tal-attrici a fol 14 tal-process.

Rat l-affidavit tal-konvenut a fol 21 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

***Provi tal-attrici***

Fl-affidavit taghha l-attrici tghid li ltaqghet mal-konvenut fit- 28 ta’ Dicembru 2013, meta kienet ghaddejja minn mument difficli ghax kellha ommha marida b’marda terminali tal-kancer u qatt ma kienet tohrog biex tiehu hsieb sew lilha u liz-zewg uliedha li dak iz-zmien kellhom hdax-il sena u tlettax-il sena rispettivament.

Darba minnhom irceviet ‘friend request’ minghand il-konvenut u dakinhar u fil-jiem ta' wara tkellmu aktar u saru jafu aktar lil xulxin. Iltaqghu fit-3 ta’ Jannar 2014, u minn dik il-gurnata 'l quddiem, hajjitha hadet zvolta gdida ghalkemm dejjem kienet tberren f'mohhha d-differenza fl-eta` ta’ tnax il-sena. Izda hu dejjem kien jghidilha li l-eta' ma’ kellhiex x’taqsam.

Wara madwar tlett gimghat, qalilha li madwar ghaxar snin qabel kien mess ma’ vizzju ta’ xi sustanza, izda huwa kien qalilha li kien qata' ghal kollox dawn il-vizzji u li dawn l-affarijiet qatt ma kien hares lejhom aktar wara li kien ha il- kura. Wara li staqsietu, huwa kkonfermalha li dak li kien qieghed jghidilha kien kollu minnu u sincier. Hi emmnitu u fdatu.

Tghid ukoll li f' Settembru 2013 kienet applikat ghal divorzju minn ma’ l-ewwel ragel taghha u f’Ottubru 2013, harget ukoll xi ftit tad-drabi ma’ persuna ohra, li kienet ilha tafu madwar 28 sena, izda dan kien ghal ftit drabi biss u ma regghux iltaqghu.

Tghid li mal-konvenut kienet kuntenta hafna. Kienet tarah bhala r-ragel ideali ghaliha u kien itiha sapport qawwi, kemm billi jghinha ma' wliedha, li kienu jhobbuh hafna u jirrispettawh ukoll, u kif ukoll mal-mama taghha, specjalment meta mietet ommha fid-9 ta’ Mejju 2014.

Tghid li jigri x'jigri dejjem kienu jissapportjaw lil xulxin. Il-konvenut ghandu tifel ta’ ghaxar snin, minn mal-partner li kellu qabel. Hi ltaqghet mieghu ghall- ewwel darba fit-23 t’Awwissu 2014, waqt li kienu marru camping, fil-vaganzi tas-sajf. Kien tifel timidu u kwiet u misthi hafna tant li kien bilkemm jitkellem. Minn dakinhar l’hemm baqghu jarawh kull gimgha.

Tghid li fil-11 ta’ Gunju 2014 hija ndunat li kienet ser terga' ssir omm ghat-tielet darba. It-tnejn kienu ferhanin, ghax il-konvenut dejjem wera ix-xewqa li jkollhom it-tfal. Izda wara 7 gimghat tilfet wiehed mit-tewmin u fit-12-il gimgha tilfet l-iehor ukoll. Tghid li pero' ma qatawx qalbhom, u kienu regghu ippruvaw ghat-tfal.

Tghid li dejjem kienu juru x-xewqa li xi darba jizzewgu u hu aktar minnha. Hija dejjem riedet tistenna li jinbiegh il-post ta' ommha u tkun tista` tixtri sehem l-ex ragel taghha mid-dar fejn tghix sallum. Il-konvenut kien juri x-xewqa li jidhlu jghixu flimkien imma minhabba s-separazzjoni taghha minn mal-ex ragel taghha, ma setghetx iddahhal terzi persuni d-dar.

Tghid li meta bintha kellha xi problemi mal-gharus taghha, il-konvenut ukoll kien jappoggjaha. It-tifla kienet thobbu u tirrispettah. Tghid li fiz-zmien meta binha kien wasal ghall-Grizma, saru jafu li regghet inqbadet tqila, izda mas-sitt gimgha tat-tqala regghu inqalghu l-kumplikazzonijiet.

Tghid li kien hemm zmien fejn bintha bdiet tirribella u kienet anke haditha kontra l-konvenut, biss huma dejjem baqghu jaghtu sapport lil xulxin. Tghid li l-konvenut kien dejjem jghid li fiha sab familja li hu qatt ma kellu, u li qatt u xejn iktar minn hekk ma xtaq f'hajtu. Hu kien irrakkontalha li meta kellu biss xahrejn eta', kienu ghaddewh f idejn is-sorijiet ta’ l-Ursolini. Minn hemm sab ‘foster parents’, imma dejjem kienu jkunu on and off.

Tghid li fit-3 ta’ Jannar 2015, kienu marru jieklu fl-istess hanut li kienu ltaqghu fih l-ewwel darba, f gheluq l-ewwel anniversarju, u l-konvenut rega staqsiha biex jizzewgu u din id-darba accettat mal-ewwel u bdew jitkellmu dwar data. Li kien ghalih, kien ghal sitt gimghat wara, f'jum San Valentinu. Hi qaltlu li kien vicin wisq biex ilestu kollox f daqshekk zmien qasir u hu qalilha ‘Li kieku nista’ anke ghada stess’. Tghid li ghaliha kien bizzejjed li jizzewgu fir-registru izda hu xtaq li jkollhom cerimonja normali u bejn tal-familja biss. Ftehmu li tkun id-29 ta’ Marzu, ghaliex kien zmien tajjeb u li jkun addattat sabiex jiffranka hafna zmien mix-xoghol.

Tghid li kienu ferhanin u ghamlu l-preparamenti kollha flimkien. Kienu anke ftehmu li kienu ser immorru joqghodu l-post tal-mama taghha, li kien nofsu taghha u kienu anke ghamlu hsibijiet dwar kif, jekk ikollhom bzonn, jixtru post bejniethom.

Anke dakinhar tac-cerimonja l-konvenut kien tal-kliem li dakinhar kien l-isbah mument ta' hajtu. Madankollu, dakinhar innutat li C ma kienx mija fil-mija f sikktu. Bdiet tahseb li kien taht hafna pressjoni, minhabba li kienu sejrin jispiccaw ghexieren ta’ nies minn ma’ Panta Lesco, fejn kien jahdem hu, u kien inkwetat hafna fuqha. Biss dik il-gurnata kif irritornaw lura milli ghamlu xaghrhom hi u tifla taghha, sabu lil C ma’ tnejn ohra minn shabu li kienu qeghdin barra fuq is-sur, jitkellmu u jixorbu l-birra. Dawn kienu l-akbar hbieb tieghu. Waqt li kienet ser tibda c-cerimonja li saret Villa St. Anna, M’Skala, xi siegha qabel, C qal li nsterqulu iz-zewg mobiles tieghu minn gos-sala. Waqt ic-cerimonja tghid li C lanqas kwazi kien jaf x’qieghed isir, tant li xi whud mill-hbieb u mill-familja

taghha innutawha wkoll. Innutaw ukoll li waqt ir-riceviment, kien hemm C u xi hbieb tieghu li f'waqtiet ma dehrux ghal tul ta’ hin. Hafna minn dan il-hin kienu qeghdin iqattawh imsakkrin fit-toilet. L-irgiel li ma setghux juzaw it-toilet sabu lil C u lil shabu flimkien. Kif spicca kollox, kellha sahansitra titla’ fuq u tbiddel il-libsa tat-tieg u ggorr mal-kumplament tal-qraba taghha xi ikel u xorb ghax C lanqas biss kien jaf li qieghed fis-sala.

Bdew ghadejjin il-granet u l-konvenut kien qed juri ruhu b’mod differenti hafna milli kif kien igib ruhu qabel, dejjem ecitat u mhawwad fl-imgieba tieghu. Anke bil-lejl fis-sodda kien jitqalleb il-hin kollu, u jitkellem u jghid hafna tgedwid bhal ‘uff xi dwejjaq’ u ‘xi dwejjaq kif xbajt’. Kien jghidilha li kien inkwetat minhabba x-xoghol u serrhitlu mohhu u qaltlu li kienet lesta tahdem ukoll sabiex ikunu jistghu jghixu sew.

Tghid li darba minnhom wara li missier uliedha kien gie jigborhom u ghamel xenata ghaliex hi kienet regghet izzewget, anke C kien qalilha biex tara x'ser taghmel bid-dar u qalilha li ried li jmorru z-Zurrieq. Hi staqsietu jekk riditx li tbiegh id-dar u wegibha li issa li gabha dahra mal-hajt, kellha tbiegh sehemha mid-dar t'ommha u mid-dar tal-Furjana u tmur mieghu bit-tfal iz-Zurrieq. Hija inhasdet ghax qatt ma kienet sematu jkellimha hekk.

L-ghada, gab ruhu bhallikieku qatt ma kien gara xejn. Madankollu, aktar ma jghaddi z-zmien is-sitwazzjoni bdiet sejra ghall-aghar u malajr. Anke uliedha kienu ndunaw bil-bidla fih. Lanqas huma ma kienu jafuh hekk.

F'okkazjoni minnhom, kien qalilha ‘Jaqq, ja xiha tinten’. Dakinhar telqet minn hdejh u marret id-dar taghha. Tghid li dakinhar kien Jum l-Omm u meta marret lura d-dar kien gabilha kartolina u bukkett fjuri ghal Jum l-Omm.

Tghid li kien hemm okkazzjoni ohra fejn kellhom argument fuq x'ser jaghmlu bil-post taghha. Hija ssugerriet li meta tbieghu jkunu jistghu jaqtghu d-dejn li kellu C mal- Bank fuq il-post taz-Zurrieq. Ghal xi raguni, huwa kien qalilha li ma jaqbilx peress li ried ihalli xi haga lil ibnu Carlos. Minn hemm inqala' argument u l-affarijiet marru ghall-aghar.

Darba minnhom tghid li kien gie jakkuzaha b'rabja li kienet qed izzid xi rgiel minn wara dahru fuq il-facebook komuni taghhom. Hi spjegatlu li ma kien xejn minnu, izda huwa baqa’ jghajjarha u jkellimha hazin u hi talbitu biex jieqaf ghaliex it-tifel taghha kien qieghed jisma’ kollox peress li kien fuq. Hu kompla jghajjarha ‘Qahba’ u li kienet qieghdha izzid l-irgiel apposta. Dak il-hin hu telaq 'il barra. Tghid li dan ma kienx C li kienet taf qabel izzewwigu.

Ghal habta ta' l-4.00pm, dakinhar, C irritorna u rega' qabad jinsulentaha u sahansitra joffendiha b'ommha mejta. Waqt li kien qieghed jigri dan kollu dahlet bintha minn barra u kif semghat dak kollu nizlet tigri fil- kcina u qaltlu b'ton ta' rabja, 'C ieqaf, inti m 'ghandek l-ebda drift tkellima hekk lil ommi ghax ommi qatt m 'ghamlitlek xejn, anzi dejjem stmatek '.

Hu beda jghajjar lit-tifla u jghidliha li kien it-tort taghha li kienu qeghdin f'dik is-sitwazzjoni ghax hi ma riditx li tinbiegh id-dar li trabbew fiha u beda wkoll jinsulentaha bil-'boyfriend' taghha u kien ukoll se jhebb ghaliha. Dakinhar l-argument mhux talli ma waqafx imma aggrava u hi qaltlu biex jippakkja hwejgu u jitlaq lejn iz-Zurrieq u t-tifla rrepetiet warajha. Ha ftit minn hwejgu u telaq.

Ghal habta tal-5.30am tal-ghada filghodu, semghet il-qanpiena u kien C li qal li gie jigbor il-kumplament ta' hwejgu. Hi fethet u hu dahal u beda jibki u jghidliha li kien ser jibqa' hemm u jirrepetiha kontinwament. Hija dahlet fis- sodda u hu dahal warajha u pprova jersaq lejha imma hi ma tatux wicc wara x-xenata li ghamel il-gumata ta' qabel.

Beda jitlobha biex jergghu jirrangaw izda hi baqat kalma tisma' lilu u mbikkma accetat izda m'ghaddewx kwarta minn dan kollu. Qamet it-tifla u riedet tghaddi fil-kamra tal-banju sabiex tiehu il-brush tax-xaghar, ghax din kienet fejn il-kamra taghna u hu beda jipprovokaha u jheddidha u jghid 'U din il-laqx ma tindahalx, din m'hi xejn, zero hawn gew'. It-tifla ma wigbet xejn u telghat il-fuq. Izda hi qaltlu li jidher bic-car li ma riedx jirranga l-affarijiet u biex ikompli jgorr il-kumplament ta' hwejgu. Hu ghamel hekk u kompla jghidilha 'Qed tara, halliha tkissirna.'

Tghid li sms's u telefonati ma naqsux, izda hi kienet imwegga'. L-ugiegh go dahra kien zdied hafna. Tghid li ppruvaw kemm-il darba jergghu jitkellmu sahansitra anke wara meta regghet nizlet lura toqghod id-dar taghha u kif terga' ssemmi lit-tifla jew jaraha kien jhedded u sahansitra kien qalilha 'l-Kelb naghmlu stuffat u t-tfal jridu joqghodu ghar-regoli tieghi biss u kif jaghlqu tmintax il-sena jitilqu l-barra.'

Tghid li ghalhekk telqet minn hdejh u wara dik il-gurnata hassha hazin waqt li kienet qieghda ssuq u spiccat l-isptar u tawha l-morfina ghax indunaw bl-ugiegh ta' dahra li zdied, ghax kienet qieghda ssoffri anke minn depressjoni li affetwat lill-muskoli ta' dahra u ghamlet zmien fis-sodda. Tghid li minn dakinhar qatt iktar ma harset lura u saret tghix ghaliha u ghal uliedha.

Tghid li ma tafx ezattament xi gralu C izda l-affarijiet bhallikieku inbidlu millejl ghan-nhar minghajr ebda spjegazzjoni. X'kien qed jaghmel ma' shabu dakinhar

tac-cerimonja tat-tieg ma tafx u lanqas taf ghalfejn prattikament mill-ghada tat-tieg sar daqshekk aggressiv u insolenti.

***Provi Konvenut***

Fl-affidavit tieghu il-konvenut jghid illi kellu tfulija difficli hafna. Meta kien ghadu tarbija spicca gewwa l-istitut tal-Ursolini minhabba diffikultajiet kbar ta' sahha u problemi li kellha ommu u minhabba l-fatt li missieru kien abbanduna lil ommu u lill-familja.

Jghid li fl-eta ta' 5 snin kien gie fostered minn John u Angele Fenech Adami li, ghal bidu kienu jehduh ghandhom fil-weekends u imbaghad spicca prattikament joqghod ghandhom ghal numru ta' snin.

Jghid li meta ghalaq l-14-il sena kien beda jirribella fis-sens illi ried jibda jesperimenta u fl-eta ta' 16-il sena iddecieda li ghandu jitlaq u spicca jghix ghand il-patrijiet gewwa B'Kara.

Jghid li spicca f'kumpanija hazina u waqa` fil-vizzji ta' droga u xorb, pero bl-ghajnuna tal-familja li kienet hadet hsiebu, irnexxilu jidhol fi program tas-Sedqa u issa ilu ghal numru ta snin clean minghajr ma miss mad-droga.

Jghid li meta kellu 19 il-sena kellu relazzjoni ma' persuna u min maghha kellu tarbija li llum ghandu 11-il sena. F'Dicembru tas-sena 2013 iltaqa` ma' A Mifsud Grech ghall-ewwel darba permezz ta' facebook. F'Jannar 2014 kienu ltaqghu. Jghid li f'dak iz-zmien kien ghaddej min zmien difficli hafna meta l-kumpanija fejn jahdem kienet ghaddejja min diffikultajiet u kienet bdiet tnaqqas in-nies u l-pagi. Jghid li kien ghaddej minn stress kbir, bl-ex partner taghmillu hajtu infern, u pressjoni mill-attrici li kellha numru ta' problemi hi ukoll peress li kienet ghaddejja min separazzjoni u divorzju min ma' l-ex ragel li kellha u kellha ommha marida hafna. Donnu li gibidhom lejn xulxin il-problemi li kellhom. Hu ried lil xi hadd li seta` jifhmu u hi sabet fih xi hadd li jifimha.

Is-sena u tlett xhur li ghamlu johorgu flimkien qabel izzewgu ma kienux facli. Hi kellha hafna problemi mal-ex zewghha u uliedha u mill-ewwel bdiet taghmel pressjoni fuqu li kellhom jizzewgu malajr. Id-differenza ta' 12-il sena kienet ukoll kawza ta' nuqqas ta' qbil bejniethom. Hi riedet tizzewweg malajr ghaliex riedet stabilita' f hajjitha u hu ma kellux l-intenzjoni li jizzewweg daqshekk malajr.

Kienu jiggieldu minhabba li t-tnejn li huma kellhom t-tfal. It-tfal taghha ma tantx kellhom grazzja mieghu. Hi u uliedha kienu jikkonfoffaw kontrih. Kienu mohhom kif id-dar tieghu fiz-Zurrieq kienet ser issir ta' A ukoll peress li kellha problemi ma' l-ex zewghha dwar id-dar li kellhom flimkien il-Furjana.

Jghid li zzewgu f'Marzu 2015 ta' malajr, fuq insistenza tal-attrici. Hu kull ma ried kien li jkollu partner. Pero' il-pressjoni fuqu kienet kbira u spicca kellu jcedi. It-tieg li ghamlu kien zghir u ghal ftit nies. Il-mistedinin kienu dawk biss li riedet hi. Lanqas biss riedet tistieden lil min tant ha hsiebu meta kien zghir. Fuq hekk ukoll kienu ggieldu.

Wara li zzewgu l-problemi li kien hemm qabel iz-zwieg baqghu hemm. Mill-ewwel gurnata, baqghu jghixu hajja indipendenti minn xulxin. Kien hemm glied kbir u fil-fatt fi ftit gimghat wara li zzewgu ma baqawx jghixu flimkien.

Jghid li z-zwieg taghhom kien wiehed minghajr hafna hsieb u kienu tnejn min-nies bi problemi kbar li baqghu jghixu hajja ndipendenti minn xulxin. Jghid li kienet decizjoni zbaljata u fil-fatt iz-zwieg taghhom qatt ma mmaterjalizza.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qrati taghna dejjem ikkunsidraw l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku, u bhala tali jehtieg is-salvagwardji necessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet **Anna Tonna vs Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal:

*"F'materja ta' zwieg illi huwa ta'ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizzjoni imam f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccjozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-deskrizzjoni u jsiru maturi. <u>Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux jkun sabiex ikunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor.</u>*

*Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju."* [sottolinear tal-Qorti]

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju 1987 ntqal;

*"... ghall-Qorti nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata ristrettivament."*

Is-subinciz (f) tal-Artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqu hija msejsa l-azzjoni attrici, jipprovdi:-

"***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: …..; "(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.***"

Dan is-sub-artikolu jirreferi ghal dawk ic-cirkostazi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg jkun qed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi ppruvat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens li minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha z-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewwga kien qed jigi eskluz *a priori.*

Issir referenza ghal dak spjegat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Bernardette Zammit** (27 ta' Jannar 2006):

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' liz-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun presunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cioe li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega. .................................................. "Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall att taz-zwieg u din leskluzjoni tkun saret b'att posittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni ....."

[vide fost ohrajn PA **Simon Cusens vs Romina Cusens** deciza fl-10 ta' Dicembru 2014 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 2016].

Kif intqal fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Anthony Cutajar et nomine** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002:

*"...taht l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' il-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemperax ruhhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghatu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estermi tal-annullament taz-zwieg."*

Fis-sentenza **Al Chahid v. Mary Spiteri** moghtija mill-Prim' 'Awla tal-Qorti Civili fil- 5 ta' Gunju 2002) inghad li*:*

*"Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' "l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga", u cioe` simulazzjoni parzjali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed v. Dr. Yana Micallef Stafrace et** (Prim' Awla - 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' App. Civ. 237/14 13 u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied".*

Naturalment bl-introduzzjoni tad-divorzju fil-gurisdizzjoni Maltija, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg ma tistax tibqa' titqies bhala element essenzjali taz-zwieg civili.

Ikkunsidrat;

Fil-kaz odjern, din il-Qorti tinnota li l-partijiet saru jafu lil xulxin f'Dicembru 2013 u zzewgu f'Marzu tas-sena 2015. Bejn l-attrici u l-konvenut hemm differenza fl-eta' ta' tnax-il sena. Meta zzewgu l-attrici kellha tnejn u erbghin (42) sena filwaqt li l-konvenut kellu disgha u ghoxrin (29) sena. L-attrici tghid illi diversi drabi esprimiet mal-konvenut il-preokkupazzjoni taghha dwar id-differenza mhux zghira fl-eta' rispettiva izda l-konvenut kien iserhilha rasha li d-differenza fl-eta' ma kinitx problema.

L-attrici tirrakkonta kif ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet waqt l-gherusija zvilluppat bl-aktar mod pozittiv. Qabel izzewgu l-partijiet damu johorgu flimkien kwazi sena u nofs. F'dawk is-sena u nofs l-attrici harget tqila darbtejn mill-konvenut; ghalkemm irrizultaw kumplikazzjonijiet fit-tnejn li huma u t-tqala intilfet. Izda z-

zewg partijiet kienu kuntenti li jkollhom tfal flimkien, tant li meta l-ewwel tqala ma rnexxietx ippruvaw ghat-tieni wahda.

L-attrici spjegat illi matul l-gherusija taghhom it-tnejn li huma kienu juru illi xtaqu li jizzewgu lil xulxin. Addirittura tghid li din ix-xewqa kien juriha l-konvenut aktar minnha. Ma hadux id-decizzjoni qabel ghaliex xtaqet li l-ewwel tinbiegh id-dar tal-mama taghha.

L-attrici xhedet illi xi qraba kienu qalulha li waqt ir-riceviment tat-tieg kienu innutaw lill-konvenut u hbieb tieghu ma dehrux ghal tul ta' hin u li hafna minn dan il-hin "kienu qeghdin iqattawh imsakkrin fit-toilet". F'dan ir-rigward l-attrici tirrakkonta x'qalilha haddiehor. Dwar dak li rat hi tghid illi kif spicca ir-riceviment kellha tmid idejha hi sabiex iggor l-affarijiet ghaliex "C lanqas biss kien jaf li qieghed fis-sala". Ma jinghad xejn aktar fir-rigward. Fil-fehma tal-Qorti it-testimonjanza tal-attrici f'dan ir-rigward ma tissostanzja bl-ebda mod il-kawzali fir-rikors promotur.

Kif rajna spjegat b'mod elokwenti fil-gurisprudenza supra citata, iz-zmien rilevanti sabiex jigi evalwat jekk kunsens ta' parti jew ohra li resqu ghac-cerimonja taz-zwieg kienx vizzjat jew le huwa proprju il-mument li ssehh ic-cerimonja nuzzjali. Naturalment sabiex Qorti tevalwa tali kawzali jehtieg li tezamina u tevalwa l-komportament tal-partijiet sew fiz-zmien prossimu antecedenti c-cerimonja kif ukoll iz-zmien prossimu sussegwenti c-cerimonja.

Hemm kunrast nett bejn ir-rakkont tal-attrici u dak tal-konvenut fejn jirrigward r-relazzjoni tal-partijiet qabel iz-zwieg. L-attrici xhedet illi fiz-zmien li kienu gharajjes il-konvenut kien kollu hlewwa u karezzi maghha u ma' uliedha miz-zwieg precedenti taghha. Tispjega f'dettal kemm it-tnejn kienu ferhanin u li meta kienu qed jiccelebraw l-ewwel anniversarju kemm kienu ilhom jafu lil xulxin il-konvenut saqsiha sabiex tizzewgu u accettat. Tghid li kien diga' staqsiha qabel dakinhar biex tizzewgu u hi ma kinitx accettat. Xhedet illi li kien ghal konvenut kienu jizzewgu fi zmien sitt gimghat izda hija izzewgu tlett xhur wara.

Min-naha tieghu ix-xhieda tal-konvenut hija kompletament kontrastanti ghaliex jirrakkonta li;

*"Is-sena u tlett xhur li ghamilna nohorgu flimkien jien u A qabel izzewgina ma kienux facli. Hi kellha hafna problemi mal-ex zewghha u uliedha u mill-ewwel hi bdiet taghmel pressjoni fuqi li malajr kemm jista jkun ghandna nizzewgu.*

*Bejni u bejn A hemm differenza ta' eta aktar min 12 il-sena. Din d-differenza fl-eta` kienet ukoll kawza ta' nuqqas ta' qbil bejnietna. Hi riedet tizzewweg malajr*

*ghaliex riedet stabilita f' hajjitha. Jien min naha l-ohra ma kelli qatt l-intenzjoni li mizzewweg daqshekk malajr.*

*Kien ikollna glied kbir bejnietna minhabba li t-tnejn li ahna kellna t-tfal. Hi kellha zewgt it-tfal- tifel u tifla - u jien kelli lill-ibni. It-tfal taghha ma tantx kellhom grazzja mieghi.*

*Hi u uliedha kienu jikkonfoffaw kontnja. Kienu mohhom kif id dar tieghi fiz-Zurrieq kienet ser issir ta A ukoll peress li kellha problemi ma l-ex zewgha dwar id-dar li kellhom flimkien il-Furjana.*

*Jien u A izzewwgina f'Marzu 2015. Dan iz-zwieg sar ta malajr fuq insistenza ta A. Jien ma kontx irrid nizzewweg daqstant malajr. Jien kull ma ridt kien 1i jkolli panner. Pero l-pressjoni fuqi kienet kbira u spiccajt kelli ncedi.*

*……….(omissis)………..*

*Wara li zzewwigna il-problemi li kien hemm qabel rz-zwieg baqghu hemrn. Mill-ewwel gurnata, bqajna nghixu hajja indipendenti min xulxin. Kien hemm glied kbir bejnietna u fil-fatt fi ftit gimghat wara li zzewigna ma bqajniex nghixu flimkien."*

Il-Qorti mhiex temmen ix-xhieda tal-konvenut. Jghid li ma riedx jizzewweg malajr u li ried biss 'partner' izda ma jaghti l-ebda spejgazzjoni ghaliex fis-sena u nofs li ghamlu flimkien qabel izzewgu ippruvaw diversi drabi li jkollhom it-tfal. Il-Qorti ma hiex tikkonsidra bhala veritiera il-verzjoni li ta l-konvenut dwar ir-relazzjoni tal-partijiet qabel izzewgu. Mill-kumpless tal-provi l-Qorti hi tal-fehma illi iz-zewg partijiet kienu qed jaghtu lill-xulxin affidament u speranza illi it-tnejn kienu ser jiddedikaw hajjithom ghal xulxin.

Hemm qbil bejn il-partijiet illi kien biss ftit gimghat wara c-cerimonja taz-zwieg li l-partijiet ma baqghux jghixu flimkien. Il-konvenut jghid li wara z-zwieg 'kien hemm glied kbir' bejniethom u ma baqghux jghixu flimkien. Jghid li dan il-glied sehh peress li l-attrici u uliedha kien mohhom kif l-attrici ser takkwista nofs id-dar tal-konvenut fiz-Zurrieq u dan peress li l-attrici kellha kwistjoni mal-ex ragel taghha fuq id-dar taghhom fil-Furjana. L-attrici mill-banda l-ohra xhedet illi appena zzewgu l-konvenut inbidel mill-lejl ghan-nhar fil-konfront taghha u ta' uliedha mill-ewwel zwieg. Il-Qorti taccetta l-verzjoni tal-attrici fir-rigward. Il-bidla fl-atteggjament tal-konvenut fil-konfront tal-attrici fi zmien daqstant prossimu c-cerimonja tat-tieg huwa evidenza illi meta l-konvenut resaq ghac-cerimonja tat-tieg huwa kien b'att pozittiv tal-volonta' tieghu jeskludi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga fosthom dawk naxxenti mill-Artikolu 2 tal-Kap. 16 li inter alia jipprovdi illi "*(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u*

*jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment."*

Id-dmir li konjugi jieqaf mal-konjugi l-iehor jew l-ohra kemm moralment kif ukoll materjal huwa element essenzjali fil-hajja matrimonjali daqs kemm huwa d-dmir tal-fedelta'. Il-konvenut kien mohhu illi l-attrici u uliedha riedu johdulu d-dar taz-Zurrieq. Dan is-suspett kien hemm qabel ma zzewgu u sploda ftit jiem wara li zzewgu.

Il-Qorti tikkonkludi illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ghaliex il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat peress li eskluda pozittivament element essenzjali fil-hajja mizzewga.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**